MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMĦALLEF
### JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2003

Rikors Numru. 135/2002/1

**Fl-Atti tal-Ittra Uffiċjali tad-29 t'Ottubru, 2001, fl-ismijiet:**

**IT-TABIB PRINĊIPALI TAL-GVERN**

**vs**

**MOTHERWELL BRIDGE (MALTA) LIMITED**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fil-5 ta' Frar, 2002, li bih u għar-raġuni hemm imsemmija l-kumpannija Motherwell Bridge (Malta) Limited talbet li l-Qorti tiddikjara infondata l-ittra uffiċjali mibgħuta lilha mit-Tabib Ewlieni tal-Gvern għall-ħlas imsemmi fiha;

Rat it-Tweġiba mressqa mit-Tabib Ewlieni tal-Gvern fil-25 ta' Frar, 2002, li biha issottometta li t-talba tal-kumpannija rikorrenti kellha titwarrab għaliex tressqet wara ż-żmien

mogħti mil-liġi biex setgħet ġiet attakkata l-ittra uffiċjali li ntbagħtitilha;

Rat id-dokumenti mressqin minn kull waħda mill-partijiet;

Rat id-Degriet tagħha tal-14 ta' Marzu, 2002, li bih ordnat li tingħata tifsira ta' dak li ġie verbalizzat dak inhar mid-difensur tal-kumpannija rikorrenti;

Semgħet ix-xhieda tal-partijiet dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar l-imsemmija eċċezzjoni;

Rat l-atti kollha tar-rikors;

Rat id-degrieti tagħha tal-15 ta' Mejju, 2002, tas-27 ta' Settembru, 2002, tas-16 ta' Jannar, 2003, tat-8 ta' Mejju, 2003, u tad-19 ta' Ġunju, 2003, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-imsemmija ewwel eċċezzjoni;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni maħsuba biex tattakka proċediment għall-ħlas dovut lil xi dipartiment tal-Gvern skond l-artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi dan il-proċediment inbeda b'ittra uffiċjali mibgħuta mit-Tabib Ewlieni tal-Gvern lill-kumpannija rikorrenti fid-29 t'Ottubru tal-2001[1] fejn intalab il-ħlas ta' Lm 745 għal servizzi mediċi mogħtijin lil wieħed Stanimir Begovic bejn Settembru u Ottubru tal-1999;

Illi, għal din l-azzjoni, l-intimat Tabib Ewlieni laqa' billi qal li l-kumpannija rikorrenti naqset li tmexxi l-proċedura mfissra mil-liġi fiż-żmien ta' għoxrin (20) jum minn meta l-kumpannija rikorrenti laqgħet in-notifika tal-imsemmija ittra

[1] Paġġ. 2-3 u 9-10 tal-proċess

uffiċjali. Minħabba f'hekk, huwa jgħid li t-talba tal-kumpannija rikorrenti għandha titwarrab;

Illi din is-sentenza qegħda tingħata dwar jekk il-kumpannija rikorrenti mexxietx il-proċeduri fiż-żmien utli għaliha;

Illi l-qofol tal-kwestjoni nħoloq minħabba l-fatt li għalkemm ir-rikors promotur tressaq fir-Reġistru tal-Qorti fit-13 ta' Novembru, 2001, kien biss fil-5 ta' Frar, 2002, li l-att tħallas u tmexxa 'l quddiem għas-smigħ. L-ittra uffiċjali kienet tressqet fid-29 t'Ottubru, 2001 u ġiet notifikata lill-kunpannija rikorrenti fit-8 ta' Novembru, 2001. Jiġi li jekk ir-rikors jitqies li tressaq fit-13 ta' Novembru, 2001, allura dan ifisser li jkun tressaq fiż-żmien ta' għoxrin (20) jum imsemmija fl-artikolu 466(2) tal-Kap 12. Jekk, min-naħa l-oħra, r-rikors jitqies li tressaq biss meta tħallsu d-drittijiet tar-Reġistru u ntgħamlet il-kopja tal-ittra uffiċjali u l-kopja tar-rikors li kellha tiġi notifikata lill-intimat, allura jiġi li ż-żmien imsemmi kien ilu li għalaq, u għalhekk l-azzjoni rikorrenti tkun perenta;

Illi l-liġi tgħid li l-effett ta' dikjarazzjoni magħmula minn kap ta' Dipartiment tal-Gvern u notifikata b'att ġudizzjarju lill-persuna li mingħandha dak id-dipartiment ikun qiegħed jippretendi ħlas ikollha effett daqslikieku kienet ingħatat sentenza ta' qorti kompetenti li saret ġudikat, jekk kemm-il darba dik il-persuna ma topponix it-talba magħmula fid-dikjarazzjoni fi żmien għoxrin (20) jum. Tali oppożizzjoni trid issir billi dik il-persuna tippreżenta rikors li bih hija titlob lill-Qorti tiddikjara t-talba tad-dipartiment bħala waħda infondata. L-istess liġi tqis dan iż-żmien bħala wieħed perentorju[2];

Illi ta' min jgħid li l-liġi titkellem dwar "preżentata" tar-rikors: il-preżentata tal-atti ġudizzjarji ssir fir-Reġistru tal-Qorti li tkun kompetenti li tqis il-mertu ta' dak l-att. Il-mistoqsija li toħroġ minn dan kollu hi: x'siwi għandu att ġudizzjarju mressaq fir-Reġistru mingħajr ma jkun akkumpanjat minn dokument jew ħlas tad-dritt relattiv u

[2] Ara art. 466(4) tal-Kap 12

dak l-att ikun intlaqa' mir-Reġistratur ? Jidher li għat-tweġiba ta' din il-mistoqsija, u fin-nuqqas ta' dispożizzjoni speċifika fil-liġi, jistgħu jitfgħu dawl żewġ dispożizzjonijiet oħrajn tal-istess Kodiċi. L-ewwel wieħed[3] jitkellem dwar ir-responsabbilta' tar-Reġistratur dwar l-atti ġudiżżjarji li jitressqu fir-Reġistru; u t-tieni wieħed[4] li jitkellem dwar il-possibilita' li att li ma jiswiex jitressaq mill-ġdid sakemm ma jkunx għadda ż-żmien perentorju għat-tressiq tiegħu;

Illi, mix-xhieda li ngħatat quddiem il-Qorti f'dan il-każ, joħroġ li meta tressaq ir-Rikors f'Novembru tal-2001, ma kienx akkumpanjat minn kopja legali tal-ittra uffiċjali li minħabba fiha kien tressaq[5]. Ix-xhud ma kinitx ċerta jekk kienx sar il-ħlas tad-drittijiet tar-Reġistru meta tressaq l-att f'Novembru, għalkemm timbru li hemm fuq dak l-att bid-data jista' jagħti ħjiel li ħlas sar. Kemm hu hekk, meta l-att inħareġ għan-notifika fi Frar tal-2002, tħallset "żieda". Id-dokument li huwa mehmuż mar-rikors tressaq l-ewwel darba fi Frar tal-2002. Jirriżulta wkoll[6] li meta l-att tressaq l-ewwel darba, minbarra li ma kienx hemm dokument mehmuż, kien hemm nieqsa wkoll kopja biex tiġi notifikata lill-parti l-oħra u wkoll il-*folder* li jintuża biex fuqu jsiru r-riferti tan-notifika lill-parti l-oħra u tal-istess parti li tressaq l-att bl-Avviż tas-Smigħ. Skond ir-Reġistratur tal-Qorti, lanqas il-ħlas tad-dritt tar-Reġistru ma sar f'Novembru tal-2001. Minħabba f'hekk, ir-rikors imressaq mill-kumpannija ma setax jitmexxa 'l quddiem biex jingħata smigħ qabel ma ġie regolariżżat;

Illi għalhekk jidher li l-kwestjoni li jmissha tiġi studjata hija jekk l-att promotur tal-kumpannija rikorrenti kienx jiswa;

Illi għalkemm l-intimat ma jsemmix taħt liema dispożizzjoni tal-liġi huwa qiegħed isejjes l-eċċezzjoni tiegħu, wieħed jifhem li din qegħda tistrieħ fuq l-artikoli 789(1)(ċ) tal-Kodiċi, li jitkellem dwar ksur tal-forma meħtieġa, u 789(1)(d) tal-Kodiċi, li jirreferi għal nuqqas ta' xi partikolarita' espressament meħtieġa mil-liġi;

---

[3] Art. 63 tal-Kap 12
[4] Art. 99 marbut mal-art. 98 tal-Kap 12
[5] Xhieda tal-P.L. Żarb Adami 15.5.2002, f'paġ. 18 tal-proċess
[6] Ara xhieda ta' Joyce Paċe 15.5.2002, f'paġ. 20-1 tal-proċess

Illi kif ingħad f'għadd ta' deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna, id-distinzjoni bejn nullita' mtellgħa taħt il-paragrafu (ċ) u dik taħt il-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 789, tikkonsisti fil-fatt li, f'tat-tieni, l-att ġudizzjarju jkun milqut minn nuqqas ta' partikolarita' essenzjali meħtieġa mil-liġi, u mhux "sempliċi" ksur tal-forma preskritta[7];

Illi, minbarra dan, bis-saħħa tal-bidliet li saru fil-liġi bl-Att XXIV tal-1995, l-eċċezzjoni ma tirnexxix lanqas (fejn mhix imsejsa fuq il-ħruġ tal-att ġudizzjarju minn qorti li mhix kompetenti) jekk in-nuqqas jew ksur ikunu jistgħu jissewwew taħt kull dispożizzjoni oħra tal-liġi. Tifsira tajba ta' din id-dispożizzjoni, flimkien ma' l-isfond li fih il-leġislatur wera li ried iqegħdha, hija mogħtija f'sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet _Salvino Busuttil et vs Agostino Baldacchino_[8];

Illi, f'dan il-każ, il-liġi qegħda tagħmel riferenza għall-bidliet illi jistgħu jsiru f'att ġudizzjarju bis-saħħa tal-artikolu 175 tal-Kapitolu 12, ukoll kif mibdul fl-1995;

Illi fis-soluzzjoni ta' din il-kwestjoni, il-Qorti trid tiddeċiedi billi timxi ma' dak li tgħid il-liġi, billi tħares il-jedd ta' kull parti li jkollha u tingħata smigħ xieraq, inkluż il-jedd li tista' tiddefendi sewwa l-każ tagħha, u twieżen il-mira li tagħmel ħaqq mal-perikolu li ma tintilifx fil-formaliżmu bla bżonn. Dan trid tagħmlu billi żżomm quddiem għajnejha dawn il-prinċipji bażiċi, magħduda magħhom dak li att ġudizzjarju għandu, safejn jista' jkun, ma jiġix imħassar jekk jista' jiġi salvat, u li l-qorti ma tintużax biex tippremja t-traskuraġni fit-tħejjija tal-atti li jitressqu quddiemha u tagħraf fejn żball ikun wieħed ġenwin;

Illi kif tfisser tant tajjeb f'ċirkostanzi bħal dawn, ma jidher li mkien fil-liġi ma tinsab komminata espressament in-nullita' tal-att minħabba n-nullita' tal-preżentata, għaliex id-difett tal-preżentata ma jistax jirrendi l-att nieqes minn xi partikolarita' sostanzjali preskritta mil-liġi[9]. Il-kelma

[7] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **15.5.1943** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud vs Morana*** (Kollez. Vol: **XXXI.i.337**) u P.A. C.S.: **4.11.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Galea vs Pawlu Cuschieri*** (mhix pubblikata)
[8] **28.1.1998** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.30**)
[9] Ara. P.A. MCC **14.5.1970** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Henry Debono et vs Onor. Dr. Vincent Tabone*** (mhix pubblikata)

"partikolarita'" kif użata fl-artikolu 789(1)(d) tirreferi għall-kontenut tal-att (taċ-Ċitazzjoni) bħalma huma l-kawżali, l-oġġett, u dawk l-elementi essenzjali kollha li l-liġi tippreskrivi. Kien għalhekk li n-nullita' tal-preżentata ġiet imfissra bħala "nullita' virtwali", kif kontrapposta għan-"nullita' essenzjali" msemmija fil-liġi;

Illi, mbagħad, jekk wieħed kellu jqis ukoll li l-liġi ma tordna mkien li ma' rikors taħt l-artikolu 466(2) huwa meħtieġ li tinhemeż ukoll kopja tal-att ġudizzjarju li minħabba fih il-parti debitriċi tikkontesta t-talba, allura wieħed jasal biex jifhem li rikors hekk imressaq ma jistax jingħad li huwa null jew ineżistenti. Kien hemm sentenzi ta' dawn il-Qrati li qiesu l-kwestjoni ta' nullita' ta' atti ġudizzjarji (ġeneralment Ċitazzjonijiet) li ma jkunux akkumpanjati bid-dokumenti relattivi[10] f'sens kontra l-eċċezzjoni tan-nullita';

Illi l-Qorti qegħda tqis ukoll li hemm xi ftit tad-dubju jekk huwiex minnu li f'Novembru tal-2001 ma tħallasx id-dritt tar-Reġistru. Dan il-konflitt ta' prova għandu jmur favur min ressaq l-att ġudizzjarju, fin-nuqqas ta' prova konkludenti li l-ħlas tassew ma sarx;

Illi, fl-aħħarnett, jiġi osservat li fit-13 ta' Novembru, 2001, ir-rikors tressaq fattwalment, u dan kien fi żmien utli għall-kumpannija rikorrenti skond il-liġi. Jekk ir-Reġistratur deherlu li dak l-att ma kienx jiswa, għandu kull setgħa li jwarrbu. Il-liġi tagħtih is-setgħa li jagħmel dan, bħalma f'każijiet oħrajn kienet iżżommu wkoll milli jista' mqar jilqa' att imressaq kontra xi Dipartiment tal-Gvern jekk ma tkunx saret interpellazzjoni uffiċjali minn tal-anqas għaxart ijiem qabel. Hija l-fehma sħiħa ta' din il-Qorti li, ladarba l-att inżamm fir-Reġistru, pendenti r-regolariżżazzjoni min-naħa tal-kumpannija rikorrenti permezz tad-dokument u l-kopja għan-notifika, ma jistax jingħad li l-att kien null jew ineżistenti;

[10] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **14.11.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ et vs Grech et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.368**) u P.A. FGC **23.5.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Dhalia South Ltd. vs Joseph Baldacchino et*** (mhix pubblikata)

Illi, fuq kollox, ma ntweriex li l-intimat ġarrab xi preġudizzju li ma jistax jitneħħa jekk mhux bid-dikjarazzjoni li l-att imressaq mill-kumpannija rikorrenti ma jiswiex;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat** u tiddikjara li r-Rikors tal-kumpannija rikorrenti tressaq fiż-żmien mogħti lilha mil-liġi; u

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jitkompla bit-trattazzjoni fil-mertu;

**L-ispejjeż** ta' din id-deċiżjoni għandhom jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------